

# Dawl fl-Ibliet Maltin f'nofs is-Seklu XIX



**Franco Pellegrini**

Il-wirt nazzjonali Malti jinsab kullimkien. Dawn il-kliem smajniehom kemm-il darba u mhumiex kliem vojta.

Żmien ilu kont qed inqalleb volum tal-kuntratti tal-1843 fl-Arkivji Nutarili biex insib kuntratt ta' kirja li saret f'dak iż-żmien. Dak li ridt jien ma sibtux, iżda sibt kuntratt tassew interessanti li jitfa' dawl (fil-veru sens tal-kelma) fuq l-użanzi ta' żminijiet oħra.

Dan il-kuntratt kien appalt, jiġifieri kuntratt tax-xogħol, li l-awtoritajiet ta' dak iż-żmien kienu jagħtu biex jinxtegħlu d-dwal fit-toroq fil-Belt Valletta u l-Marina, fit-tlett ibliet Vittoriosa, Senglea u Cospicua u fl-Imdina. Id-dettalji li joħorġu minn dan il-kuntratt huma tassew interessanti u xtaqt li ngħaddihom lil kull min tinteressah l-istorja ta' pajjiżna.

L-att li għalih qed nagħmel riferenza ġie ppubblikat minn Nutar Diego Vella fis-27 ta' Diċembru 1843.

Il-kuntrattur li tqabbad jagħmel dan ix-xogħol kien ċertu Giuseppe Grech, bin il-mejjet Gaetano mill-Belt Valletta.

F'dan il-kuntratt Grech intrabat li jixgħel il-fanali kollha fl-ibliet imsemmija mill-ewwel ta' Jannar sal-aħħar ta' Diċembru tal-1844. In-numru tal-fanali kien ilaħħaq 381, imqassmin hekk: 220 il-Belt Valletta, 40 f'Vittoriosa, 36 f'Senglea, 74 f'Cospicua u 11 f'Notabile (Mdina). Kull fanal hu b'żewġ ftejjel jew iżjed. Mal-kuntratt hemm elenku anness li jsemmi fejn qegħdin dawn il-fanali kif ukoll in-numru ta' ftejjel li fihom.

Iż-żejt għall-fanali kellu jkun taż-żebbuġa u ta' kwalita` tajba, waqt li l-ftejjel riedu jkunu tal-qoton maħdum bl-idejn. Kull ftila ried ikollha erbgħin ħajta ta' ħxuna medja.

Jissemmew ukoll f'dan l-att il-ħinijiet li kellhom ikunu mixgħula dawn il-fanali. Kien hemm 28 minnhom li kellhom jibqgħu mixgħulin kontinwament il-lejl kollu. Erbgħa u għoxrin minn dawn kienu fil-Belt f'postijiet prinċipali bħal ngħidu aħna ż-żewġ bibien tal-Palazz fi Strada Rjali u f'Putirjal; fanal ieħor kien fil-mina tal-bieb ta' l-Isla waqt li ieħor kien fil-mina tal-Ebrei fl-Imdina u tnejn oħra f'Bormla taħt il-mina ta' Sant' Elena u s-suq, fejn jidher li kien hemm xi għassa tal-Pulizija.

Dwar il-fanali ta' taħt il-mini, ġie stipulat li dawn kellhom ikunu mixgħula fl-Ave Maria preċiż, l-oħrajn tlett kwarti wara, u riedu jibqgħu hekk mixgħula sas-sebħ tul is-sena kollha.



Hemm stipulati ħinijiet oħra għall-kumplament tal-fanali u ssir distinzjoni bejn ix-xhur xitwin jiġifieri Jannar, Frar, Marzu, Ottubru, Novembru u Diċembru, u x-xhur l-oħra tas-sena. Fis-sebat ijiem tal-qamar kwinta, jiġifieri erbat ijiem qabel u jumejn wara, ma kienx hemm obbligu tal-mixgħela ħlief għal dawk il-fanali msemmijin qabel u għal tnax-il fanal ieħor fil-mandraġġ; dawn ta' l-aħħar fis-sitt xhur xitwin kellhom ikunu mixgħula mhux iktar tard minn nofs siegħa jew, l-iktar, tlett kwarti wara l-Ave Maria sas-sebħ.

Il-kuntrattur kellu l-obbligu wkoll li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-imsemmijin fanali. Għalhekk ried isewwi dawk il-fanali li jinkisru kif ukoll jibdel il-ħġieġ tagħhom fejn dawn ikunu tkissru għal kwalunkwe raġuni, u anki aċċidentalment.

Ried iżommhom nodfa minn kull depożitu taż-żejt maħruq u barra minn hekk kellu l-obbligu li jizbogħ il-fanali kollha ta' kullimkien b'kulur wieħed. Fl-aħħar nett il-kuntrattur obbliga ruħu li jirrinova għaxra mill-imsemmija fanali ta' qisien differenti. Kundizzjoni oħra tal-imsemmi appalt kienet li l-kuntrattur ried iżomm post fil-Belt, ieħor ċentrali fit-Tlett Ibliet u ieħor fl-Imdina biex kull lejl ikun hemm f'kull post żewġt irġiel jew iżjed; dawn riedu jkunu lesti biex jerġgħu jixgħelu dawk il-fanali li jkunu ntfew waqt il-lejl. Kellhom ukoll iduru l-fanali kollha biex jirranġawlhom il-ftila. Erbat irġiel oħra mbagħad kellhom ikunu fl-għases tal-pulizija fl-erba' Distretti tal-Belt Valletta biex imorru jagħmlu r-ronda u jnaddfu jew jixgħelu l-fanali li jintfew, skond il-każ.

L-istess kuntrattur kellu jieħu ħsieb li jipprovdi ż-żejt meħtieġ għal mixgħela tal-fanali. Barra minn hekk, kellu jipprovdi ż-żejt kollu meħtieġ għal matul is-sena biex jinxtegħlu l-fanali tal-Palazz tal-Gvernatur u l-fanal ta' San-t'Iermu; għal dan ta' l-aħħar iż-żejt ried ikun tal-iktar kwalita` fina minn ta' Sqallija u ried jissodisfa lil Gwardjan tal-"light- house" jew lil min kien inkarigat biex jixgħel dan il-fanal. Il-ħlas għal dan iż-żejt kellu jkun apparti.

Fil-fatt fl-istess kuntratt insibu li l-Gvern obbliga ruħu wkoll li jħallas lill-kuntrattur għax-xogħol kollu li kellu jagħmel is-somma ta' £680 sterlina (ekwivalenti ghal 8160 skudi ta' Malta) fi tnax-il pagament fl-aħħar ġurnata ta' kull xahar b'lura. L-elenku tal-fanali anness mal-kuntratt huwa interessanti wkoll għax min irid jara kif kienu l-ismijiet tat-toroq fl-ibliet ta' Malta madwar 150 sena ilu jista' jagħmel dan bl-ikbar faċilita` u fl-stess ħin jara jekk dawn baqgħux xorta jew inbidlux.

*Dan l-artiklu kien ġie ppublikat l-ewwel darba fir-rivista "Il-Pulizija" ta' Lulju – Awwissu 1985 Vol. 5 No. 10*